

32005R1008

L 170/30

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

1.7.2005

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1008/2005**tat-30 ta' Ġunju 2005****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2771/1999 li jstabbilixxi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 10 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2771/1999 ⁽²⁾ jipprovdi għal sistema ta' intervent għax-xiri tal-butir bi prez-zijiet fissi.
- (2) L-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999 jipprovdi għat-tnaqqis tal-prezzijiet tal-intervent tal-butir. Għalhekk hu neċessarju li jkun speċifikat il-prezz ta' intervent li għandu jintuża għall-kalkolu tal-prezz tax-xiri meta l-prezz tal-intervent jinbidel.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 2771/1999 għandu għalhekk jkun emendat kif jixraq.

- (4) Il-miżuri provduti għalihom f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Ħalib u prodotti tal-Ħalib.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artiklu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 2771/1999 jiżdied is-subparagrafu li jmiss:

“Il-prezz tal-intervent li għandu jintuża għal-kalkolu tal-prezz tax-xiri għandu jkun dak fis-seħħ fil-ġurnata tal-manifattura tal-butir.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2005

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' Ġunju 2005

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 160, 26.6.1999, p. 48. Ir-Regolarment kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 186/2004 (ĠU L 29, 3.2.2004, p. 6).

⁽²⁾ ĠU L 333, 24.12.1999, p. 11. Ir-Regolarment kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2250/2004 (ĠU L 381, 28.12.2004, p. 25).